**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 40/K6/11

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 27/01/'11 269**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/01/'11 324**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 27 ta' Jannar 2011.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Lindsay Grima.

1.04 Kienu preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani u l-Ing. Jonathan Scerri mill-Econing Engineering Consultancy Ltd.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-21 ta' Jannar 2011. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Approvazzjoni tal-Budget / Business Plan Preparation
3. Tender - Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat
4. Mistoqsijiet – Inc. 6650/10 u Inc. 6756/10
5. Attivita' tas-6 ta' Ġunju 2011 – Jum Lapsi
6. Rapport rigward is-Sustainable Energy Action Plan
7. Korrispondenza
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 38/K6/10 u l-Minuti 39/K6/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 38/K6/10 u 39/K6/11.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 06/KA1/10 u l-Minuti 07/KA1/11 tal-Kumitat Amministrattiv (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

**2 Approvazzjoni tal-Budget / Business Plan Preparation**

2.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Budget / Business Plan Preparation (Ara Appendiċi 'C').

2.02 L-Accountant tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni ddettaljata ta' l-estimi għas-sena finanzjarja 2011.

2.03 Saret riferenza għall-korrispondenza (inc. rif. 6778/10) li tittratta dwar l-allokazzjoni finanzjarja 2011 imqassma skont il-funzjonijiet. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni li l-allokazzjoni għal din is-sena finanzjarja naqset bi € 3598 komparata ma' dik tas-sena l-oħra. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll illi l-fondi li kienu mwarba fis-sena 2010 għas-spejjez relatati mal-*feasibility studies* u *architect fees* rigward id-Dar għall-Anzjani, tneħħew u ntużaw sabiex seta jinħadem il-budget ta' din is-sena.

2.04 Peress li kien hemm tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2011, ġie deċiz unanimament illi l-Kunsill jitlob laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, l-Onor. Dr. Chris Said sabiex tiġi diskussa din il-materja. Għal din il-laqgħa għandu jkun preżenti wkoll l-accountant tal-Kunsill.

2.05 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan għas-sena finanzjarja 2011.

2.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

2.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

2.08 Is-Sur Padovani ġie skużat fl-4.05pm.

2.09 L-Ing. Jonathan Scerri wasal fl-4.05pm.

2.10 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa item 6, qabel item 3.

2.11 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**6 Rapport rigward is-Sustainable Energy Action Plan**

6.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bir-rapport rigward is-Sustainable Energy Action Plan (Ara Appendiċi 'D').

6.02 L-Ing. Jonathan Scerri, Managing Director ta' Econing Engineering Consultancy Ltd. ta spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport u spjega li l-iskop tar-rapport huwa li jitnaqqsu l-emmissjonijiet fil-lokalita' b'20% sas-sena 2020.

6.03 Il-Kunsill qabel unanimament mar-rapport tas-SEAP u rringrazzja lill-Ing. Jonathan Scerri għall-ħidma tiegħu.

6.04 L-Ing. Jonathan Scerri ġie skużat fl-4.30pm.

**3 Tender – Ġbir ta' Skart Domestiku**

3.01 B'riferenza għat-Tender - Ġbir ta' Skart Domestiku, il-Kunsill ġie pprezentat bi Skeda (ara Appendiċi 'E'). Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi kopja tat-Tenders sottomessi, tingħata lill-Perit Stephen Farrugia biex jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu.

**4 Mistoqsijiet – Inc. 6650/10 u Inc. 6756/10**

4.01 Saret riferenza għall-mistoqsijiet imressqa mill-Viċi-Sindku dwar tat-tender tal-knis (Ara Appendiċi 'F').

4.02 Il-Kunsill ġie pprezentat bir-risposta mingħand il-kuntrattur Raymond Attard (Ara Appendiċi 'G') fejn ta spjegazzjoni għal mistoqsijiet li saru.

**5 Attivita' tas-6 ta' Ġunju 2011 – Jum Lapsi**

5.01 Saret riferenza għal Inc. 6883/10 rigward Memo 95/2010 u Inc. 332/11 dwar memo 6/2011 li jittrattaw fuq Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011 (Ara Appendiċi 'H').

5.02 Il-Kunsill ġie nfurmat illi ser jingħata l-ammont ta' €4,500 fuq din l-iskema sabiex tittella' l-attivita' ta' Jum Lapsi nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju 2011.

5.03 Wara diskussjoni qasir ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mas-Sur Noel Castillo tal-Leon Promotions sabiex tiġi diskussa din l-attivita'. Il-Kunsilliera għandhom jiġi nfurmati bid-data tal-laqgħa, biex min irid ikun jista' jattendi.

5.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro, bħala PRO, ser jipprepara ittra biex tintbagħat lill-entitajiet terzjarji f'San Ġiljan għal sponsorship għal din l-attivita'.

## 7 Korrispondenza

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 6638 | Email mingħand il-MEPA rigward l-istatement of funds ta' l-Urban Improvement Fund. |
| 6696, K1658& K0099 | Korrispondenza ma' l-awtorita tad-djar rigward l-iskema ta' Riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-gvern. |
| 6778 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Allokazzjoni finanzjarja 2011. |
| 6794 & 332 | Email mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward Memo 95/2010 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011. |
| 6811 | Ittra mingħand il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment rigward St. Andrew's Lane, St Julian's. |
| 6845 | Email mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward Memo 45/2010 – Public Private Partnership fuq Toroq. |
| 80,245 & K0081 | Korrispondenza tal-UIF rigward l-aċċessibilita għal Cavallieri Hotel. |

104 Ittra mingħand il-MEPA rigward PA/02141/09 l-aċċessibilita għall-Bajja tal-Balluta.

105 & K0092 Korrispondenza mill-MEPA rigward it-talba ghal garanzija bankarja dwar PA/02141/09 l-aċċessibilita għall-Bajja tal-Balluta.

175 Email mingħand il-Kunsillier Ronald Agius biex jiskuża ruħu mill-attendenza ta' laqgħa.

K0069 & 181 Korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-Av. Mark Refalo għan-nom tas-Sur Philip Attard.

K0087 Ittra lil Perit Stephen Farrugia rigward is-simenta li hemm bejn il-pitch ta' San Ġiljan Waterpolo Club u n-Neptunes Waterpolo Club.

258&415 Emails mingħand Leon Promotions rigward il-karnival 2011.

355 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 7/2011 – Reviżjoni fl-Onorarja.

356 Email mingħand David Soler rigward ir-rapport taċ-ċitazzjonijiet għal Paceville u San Ġiljan.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. K0087

7.01 Saret riferenza għall-Minuti 32/K6/10 artiklu 11.01 fejn kien ġie deċiż illi l-Perit Stephen Farrugia jiftaħ l-applikazzjoni għand il-MEPA sabiex is-simenta li hemm bejn il-pitch ta' San Ġiljan Waterpolo Club u n-Neptunes Waterpolo Club. Il-Kunsill ġie nfurmat illi għalkemm sar il-pagament lill-MEPA għall-applikazzjoni li ġġib serial no. 341381, liema pagament issarraf fis-6 ta' Lulju 2010, fis-sit eletroniku tal-MEPA din l-applikazzjoni għadha ma tidhirx u għalhekk ġie nfurmat il-Perit Stephen Farrugia biex jaġġorna lill-Kunsill iżda għadu ma ta l-ebda risposta (Ara Appendiċi 'I').

Rif. Nru. 258 & 415

7.02 Saret riferenza għall-emails mingħand Leon Promotions rigward l-attivita' tal-Karnival 2011. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- tiġi aċċetata l-kwotazzjoni u l-program tal-Karnival;
- il-karnival jiġi ċċelebrat is-Sibt 5 ta' Marzu 2011 fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu';
- jintbagħat avviż lill-Education 22 sabiex jirreklamaw din l-attivita' li ser issir ġewwa San Giljan.

## 8 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'J').

8.02 l-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

9.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2949 sa 2967 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'K').

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi għandhom jiġu osservati r-regolarmenti u proċeduri tax-xogħolijiet u li l-kuntratturi tal-Kunsill m'għandhomx jingħataw 'direct orders' biex isir xi xogħol fil-lokalita'. Din il-pratikka toħloq diversi problemi fosthom:-

- Immaniġġjar finanzjarju ħażin

- L-amministrazzjoni ma tkunx taf li qed isir ix-xogħol
- Ma tkunx inħarġet works order uffiċċjali
- Il-Contracts Manager, li finalment irid jiċċertifika ix-xogħol, ma jkunx jaf li qed isiru x-xogħolijiet
- Tinħoloq sitwazzjoni fejn il-Kunsill jista' ma japprovax li jsir il-pagament lill-kuntrattur
- Il-kuntratturi qed jiġu f'sitwazzjoni mbarazzanti meta jingħataw direct orders minħabba li jafu l-proċedura tal-Kunsill
- F'kazijiet fejn ikun ser isir resurfacing ta' triq jew bankina l-proċedura hija li jiġu nnotifikati l-entitajiet kollha qabel ma jibda x-xogħol.

9.03 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsill li l-kuntratturi nkluż il-Contract Manager ser jiġu nnotifikati bil-miktub li ma jista' jsir l-ebda xogħol jekk ma jkunx approvat mill-Kunsill u jekk ma tkunx ingħatat works order uffiċċjali. Il-Contract Manager huwa mitlub josserva dawn il-punti u ma jiċċertifika l-ebda xogħol ieħor.

9.04 Peress li kien hemm tnaqqis fl-allokazzjoni tal-Kunsill għas-sena 2011, ġie deċiż unanimament li għalissa ma jinħargux aktar Request Sheets għall-manutenzjoni tat-toroq ħlief jekk ikun hemm xi sitwazzjoni ta' periklu għall-pubbliku.

9.05 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2949 sa 2967.

9.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

9.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.08 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.09 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**10 Materji Oħra**

10.01 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ġie skużat fl-5.30pm.

10.02 Ġie deċiż unanimament li:-

- ssir talba lill-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura sabiex jitnaddaf Wied Għomor;
- jintbagħtu l-awguri lis-Sur Carmel Abela għall-kariga l-ġdida tiegħu bħala Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali;
- b'riferenza għal Memo 89/2009 - Allowance lill-Kunsilliera, id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, jiġi nfurmat illi l-Kunsilliera qegħdin jitlobu li jitħallsu għall-ispejjez tal-manutenzjoni tal-kompjuter privati tagħhom;
- tintalab li ssir laqgħa mal-Green MT.

10.03 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fl-5.50 pm.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**